# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 16 ta' Ġunju, 2023

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 943/2022/1 ISB**

**Cassar Fuel Limited (C28453)**

**vs**

**Enemed Co Limited (C66404)**

**Regulator for Energy and Water Services (REWS)**

**DECIZJONI DWAR L-EWWEL ECCEZZJONI MRESSQA IN LIMINE LITIS U IN LINEA PRELIMINARI MIS-SOCJETA' INTIMATA ENEMED CO. LTD (FOL 33)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors ġuramentat** tas-soċjeta' **Cassar Fuel Limited**, intavolat fl-14 ta' Ottubru 2022, u li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta Enemed Co Limited bil-kunsens tar-REWS kissru l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' Dicembru 2021 meta hija ssupplixxiet u qeghda tissuplixxi fuel ta' density inferjuri minn dak pattwit.*
2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Enemed Co Limited bil-kunsens tar-REWS isusplixxiet u qeghda tisspupplixxi anqas fuel minn dak ordnat u imhallas mill-esponenti u/jew qeghda tispuplixxi fuel li m'huwiex tal-kwalita pattwita.*
3. *Tiddikjara u tiddeciedi illis-socjeta Enemed Co Limited bil-kunsens tar-REWS qeghda bl-ghagir taghha tabbuza mill- monopolju fis-suq li hija ghandha u qegdha bl-ghagir taghha tikkawza danni lill-esponenti.*
4. *Tordna lill- intimati jew minn minnhom sabiex ma kull kunsinja li huma jissupplixxu lill-mittenti jaghtu certifikat tal-prodott, l-ispecifications tieghu u sample tal-istess prodott, fil-mument tal-kunsinna.*
5. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jawtorizzaw lill-esponenti jibda jghabbi il-hazna tal-fuel akkwistat minnu huwa stess permezz tal-bowsers u l-ingenji tieghu.*
6. *Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponenti minhabba l-ghagir tal-intimati jew min minnhom.*
7. *Tillikwida d-danni li soffriet s-socjeta esponenti minhabba dan l-ghagir.*
8. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lill-esponenti dawk d-danni hekk likwidati.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi s-socjeta esponenti topera fin-negozju tal- fuel, fejn hija takkwista l-fuel mingahnd s-socjeta intimata Enemed Co Limited, u sussegwentament hija tbieghh l-istess fuel lill- klijenti taghha, kemm tramite tlett fuel stations, li jinsabu Santa Venera, Hal Lija u Hal Tarxien, kif ukoll tramite Land Based Service, permezz ta' trucks tal-fuel.*
2. *Illi l-fuel li takkwista l-mittenti minghand s-socjeta Enemed Co Limited jigi mahzun jew fil-pompi tal-petrol, jew inkella fit-tankijiet specjalizatti li hija ghandha fl-imhazen taghha, u tbieghh skond l-ezigenzi tal-klijenti taghha.*
3. *Illi s-supply tal-fuel ghall-Land Based service huwa regolat bil-kuntratt tal-Dicembru 2021 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, filwaqt li s-supply ghall-pompi tal-petrol m'hijiex regolata b'kuntratt.*
4. *Illi ghalkemm fil-principju s-suq huwa wiehed hieles, de facto, s-socjeta Enemed ghandha monopolju shih fuq s-suq, gia la darba l-importazzjoni*

*tal-fuel huwa fizikament rez imposisbbli minhabba d-direttivi mahruga mir-REWS u dan kif ser jigi spjegat waqt t-trattazzjoni tal-kawza.*

5. *Illi s-socjeta intimata Enemed qeghda taghzel li tissussplixxi il-Fuel lill-esponenti fil-hinijiet fejn t-temperaturi ambjentali ikunu l-aktar gholjin, b'konsegwenza illi dan qieghed iwassal ghall-fuel li jigi supplit li ikun anqas minn dik ordnat mill-mittenti u li ghalih ikun qieghed de facto ihallas.*
6. *Illi fuel huwa prodott illi huwa suxxettibbli hafna ghall-temperaturi ambjentali, b'dan illi jespandi u jevapora facilment, aktar u aktar meta s-socjeta Enemed taghzel illi tisspuplixxi l-istess fuel fl-aktar sieghat b'temperaturi elevati fil-gurnata.*
7. *Dan effetivament isarraf fil-fatt illi l-esponenti, meta ssir il-kunsinja tal-fuel qieghed tinghata anqas fuel minn dak li li huwa ikun ordnat u li sahansittra ikun hallas ghalih, u konsegwentament, s-socjeta intimata Enemed bil-kunsens tar-regolatur intimat qeghda abbusivament u illegalment tarrikkixxi ruhha indebitament.*
8. *Illi l-fuel supplit ghall- petro, stations, jigi supplit bil-volum, pero, minhabba l-fatt illi dan qieghed jigi supplit fl-ghar hinijiet tal-gurnata, meta il-kunsinja tasal, il-fuel ikun shun allura ikun espanda, u ikun qed jevapora, b'dan illi meta l-fuel sussegwentament jilhaq it-temperatura tieghu fit-tank, jirrizulta illi dak li ikun inghata l-espnenti, ikun ferm inqas mill-ammont li ikun ordna u hallas ghalih.*
9. *Illi d-density li qeghda tigi supplita fuq il-kuntratt ghall-fuel 5700, ossija dak li jigi mahzun fil-tankijiet ghall-Land Based Service tkun massimu ta 0.8300 jew anqas meta l-esponenti tkun qeghda thallas ghall-density ta' 0.8450 u ghalhekk qeghda thallas zejjed ma kull kunsinna. Illi ghalhekk d-density ghandha tinhadem skond t-temperatura u l-VCF pero dan mhux qieghed jinghata kif ser jigi pruvat waqt t-trattazzjoni tal-kawza.*
10. *Illi ai termini tal- artikolu 1348 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bejgh ta' oggett ikun perfezzjonat, u l-oggett jiqba a riskju tal-venditur, sakemm l-oggett mibjugh ma jigix imkejjel jew mizun, u konsegwentament l-Enemed hija responsabbli ghall-kull telf fil-kwalita tad-density tal-Fuel u/jew l-evaporazzjoni tieghu u/jew l-espansoni tieghu.*
11. *Illi in oltre ai termini tal-Artikolu 1399 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Enemed hija obbligata illi tikunsinna l-ammont ta' fuel shih ordnat u imhallas mill-esponenti u tad-density, ossija kwalita pattwita ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew inkella jitnaqqas il-prezz tal-bejgh pro rata biex jirrifletti l-fuel reali supplit.*
12. *Illi d-density tal-fuel, kif ukoll t-temperatura tieghu, effetivament taffetwa il-volum li fir-realta ikun gie supplit, gia la darba meta l-fuel jespandi minhabba t-temperatura, il-volum li ikun qieghed jidher li qiegehd jigi supplit ikun oghla minn dak realment supplit stante illi meta umbghad l-fuel jerga jinzel ghat-temperatura tieghu, ovjament jickien. Dan oltre li fit-tragitt f'temperaturi daqshekk gholjin, u b'densita anqas minn norma, ammont sostanzjali ta' fuel ikun evapora.*

13. *Illi dan l-ghagir abbusiv u illegali huwa effetivament esasperat bil-fatt illi s-socjeta Enemed, bil-kunsens tar-Regolatur qeghda tirrifjuta illi tizen l-fuel supplit lill-esponenti meta dan jigi supplit jew li alternattivament jittiehed sample tieghu, biex b'hekk ikun determinat x'verament qieghed jigi supplit, u mhux dak li l-Enemed tippretendi illi tissupplixxi.*
14. *Illi mittenti wara il-kunsinna f'diversi drabi hadu samples huma mit-tankijiet tal-fuel li ikun ghadu kemm gie supplit u dejjem irrizultalhom li l-Fuel li inghata lilhom kellu anqas volum u/jew ma kienx tad-density ordnata liema samples ittiehdu ghat-testijiet ghand Bureau Veritas u Intertek Malta.*
15. *Illi tajjeb li jinghad ukoll , illi ghall-ragunijiet li taf l-Enemed biss, ghalkemm wiehed jista jissuspetta ghaliex, hija tirrifjuta li taghti certifikat bl-ispecifications tal-prodott li tkun qeghda tissuplixxi lill-esponenti, u dan kemm ghall-land based service kif ukoll ghall-pompi tal-petrol. Dan c-certifikat jingieb sussegwentament mill-esponenti ghaliex huwa obbligat li jghaddih jghaddih lill-klijenti, minn fjen umbghad jirrizulta illi l-fuel supplit huwa inferjuri ghall-dak pattwit.*
16. *Illi ghar minn hekk, minkejja li s-socjeta esponenti gia offriet lis-socjeta Enemed sabiex tibda tigbor il-konsenja tal-fuel hija stess, l-Enemed rrifjutat, u dan minkejja illi effetivament, l-proposta tal-esponenti semmai tfisser konvenjenza akbar lill-Enemed*
17. *Illi dan kollu juri l-malafede tas-socjeta Enemed, mghejjuna mir-regolatur intimat, li minkejja li obbligata li tikkunsinna dak supplit, qeghda tirrifjuta li taghmel dan, u dan ghalkemm ai termini tal- Artikolu 1348 jekk l-oggett tal-bejgh jinqered, bhal f'dan il-kas jevapora l-fuel, unikament minhabba l-insistenza tal-Enemed li tissuplixxi l-fuel fl-aktar sieghat shan tal-gurnata, tali nuqqas ibaghtiha l-venditur. Bl-istess mod, hija responsabbli ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-kwalita inferjuri, ossija density anqas li qeghda tussuplixxi.*
18. *Dan oltre l-fatt illi ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, gia la darba d-density tal-fuel hija wahda inferjuri ghall-dak ordnat, u ghalhekk il-Fuel qieghed jespandi minhabba il-kundizzjonijiet li Enemed qegdha taghzel li tissupplixxi fihom, dak li qieghed jigi supplit m'huwiex tal-kwalita pattwita u huwa de facto anqas minn dak ordnat u imhallas.*
19. *Illi dan l-ghagir abbusiv u illegali huwa aktar serju meta wiehed jikkunsidra illi l-Enemed ghandha de facto monopolju fis-suq, gia la darba l-liberazzjoni tas-suq tal-fuel kienet biss bidla kosmetika, stante illi l-istess Enemed inghatat il-facilitajiet ta' storage kollha li jinsabu max-xatt tal-bahar, u r-regolatur intimat pprojbixxa importaturi milli jghabbu l-fuel importat direttament mill-vapuri ghall-fuq il-bowsers specjalizzati.*
20. *Illi dan oltre l-fatt illi meta l-Enemed iffetlilha, hija taghlaq t-terminal minn fjen l-esponenti tinghata il-hazna tal-Fuel, u l-esponenti jispicca wieqaf ghall-kemm idum t-terminal maghluq, u allahares l-esponenti ma izommx hazna ta' fuel.*

21. *Illi dan qieghed iwassal ghall- telf ta' mijiet ta' eluf ta' ewro fis-sena f'danni sofferti mill-esponenti.*
22. *Illi dan apparti l-fatt illi l-istess socjeta Enemed, dejjem bil-kunsens tar-regolatur, qeghda tikkawza pregudizzju u danni ingenti lill-esponenti, u dan billi qeghda timponi li l-ordni tal-Fuel issir xaghrejn qabel il-konsenja, u dan irrispettivament mill-esigenzi tan-negozju tal-esponenti fejn qieghed hafna drabi jispicca minghajr fuel. Dan oltre l-fatt illi kull darba li jintalab aktar fuel mill-esponenti, dan ma jigix supplit.*
23. *Illi dan jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti m'hijiex f'posizzjoni li tordna Fuel zejjed gia la darba jekk tali fuel ma jitghabbiex, il-kuntratt li ghandu l-esponenti ma l-Enemed jigi annullat u dan minflok li l-esponenti jithalla izomm l-istess fuel x-xahar ta' wara bl-istess prezz miftiehem u ghalhekk l-esponenti gieli ikun kostrett jirrifjuta li jisspuplixxi l-fuel.*
24. *Illi dan l-abbuz tal-monopolju ta' socjeta li fuq kollox hija parastatali, hija ukoll manistestata fil-fatt illi s-socjeta Enemed qeghda tbiegh il-fuel lill-kompetituri tal-esponenti bi prezzijiet ahjar u sahansittra b'kundizzjonijiet ahjar minn dawk offruti lill-esponenti, u dan oltre li sahansittra klijenti tal-esponenti gew mghoddija lill-kompetituri taghha mill-Enemed stess.*
25. *Illi ghall-dan l-ghagir abbusiv u illegali ta' Enemed, huwa responsabbli ukoll ghalih r-regolatur, li minkejja il-protesti maghmula mill-esponenti, qieghed ihalli dan l-ghagir jghaddi ghalhekk qieghed jaderixih.*
26. *Illi l-esponenti gia interpella lill-intimati permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Lulju 2022, peo l-intimati baqghhu inadempjenti.*

Rat id-**dokumenti** li ppreżentat mar-rikors promotur (fol 10 sa fol 20);

Rat id-**digriet** tagħha (kif diversament preseduta) tal-25 ta' Ottubru 2022, minn fejn jirrizulta illi l-kawża kienet appuntata għas-smigħ għall-udjenza tat-28 ta' Novembru 2022 fid-9:20 a.m.;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tar-**Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma** intavolata fl-24 ta' Novembru 2022 (fol 26), bid-dokumenti hemm annessi (fol 29 sa fol 32) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi r-Regolatur ma ħareġ l-ebda direttiva li timpedixxi fiżikament l-importazzjoni tal-karburanti mis-soċjetà rikorrenti, anzi sewwasew l-istess rikorrenti huwa munit bl-awtorizzazzjonijiet neċessarji kollha maħruġa mir-Regolatur biex iwettaq l-attivitajiet u l-operazzjonijiet rilevanti fil-qasam tan-negozju tiegħu.*
2. *Illi preliminarjament il-kejl tal-ammont tal-fuel hija kwistjoni ta' metroloġija u kif ukoll torbot mal-kundizzjonijiet kontrattwali kif mifthiema bejn il-partijiet konċernati. Illi l-kwistjonijiet dwar l-metroloġija mhumiex ta' kompetenza tar-Regolatur intimat izda huma r-responsabbiltà tad-Direttorat tal-Metroloġija fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Illi r-Regolatur huwa kompetenti biss jekk il-karburant jirriżulta li mhux skond l-istandard ta' kwalità rikjest mil-liġi*

*skont l-A.L.44 tal-2008 kif emendat, li ma jidhirx li huwa il-każ skont il-lanjanzi tas-soċjetà rikorrenti. Illi f'kull każ qatt ma tressaq xi ilment mis-soċjetà rikorrenti li l-karburanti mibjugħa lilu mis-soċjetà Enemed co. Ltd ma kienx tal-kwalità pattwita taħt dik il-liġi.*

3. *Illi jiġi premess ukoll li s-suq tal-fuel huwa lliberalizzat u ma tezisti l-ebda projbizzjoni formali li timpedixxi lil Cassar Fuel Limited milli tixtri l-karburanti minn liema sors jogħġobha. Illi f'kull każ, l-operat imsejjaħ barge to bowser huwa regolat minn Port Notice 05/2009 maħruġa minn Transport Malta (dok. A). Illi f'kull każ, mhux ir-rwol tar-Regolatur li jipprovdi post minn fejn jinħatt il-fuel.*

4. *Illi l-allegazzjoni magħmula mis-soċjetà rikorrenti li r-Regolatur intimat akkonsentixxa bl-aġir tiegħu biex b'xi mod jaġevola lis-socjeta intimata Enemed co Ltd. u biex l-istess soċjetà intimata allegatament u fi kliem ir-rikorrenti "abbusivament u illegalment tarrikkixxi ruħha indebitament" huma għal kollox bla bażi u inveritieri.*

5. *llli l-arrangamenti kummerċjali li għandha s-socjetà Enemed co Ltd mas-soċjetà rikorrenti mhumiex suggetti għal kunsens tar-Regolatur intimat għal kuntrarju ta' dak li jista' jaħseb r-rikorrenti. Illi f'kull każ, fejn ir-Regolatur irċieva ilmenti mis-soċjetà rikorrenti li jistgħu allegatament jinfluwixxu fuq il-kompetizzjoni ġusta huwa rrefera l-istess allegazzjonijiet lill-entità kompetenti bil-liġi, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni, li skont l-informazzjoni li għandu r-Regolatur qiegħed jinvestiga l-allegazzjonijiet magħmula mis-soċjetà rikorrenti. Illi għaldaqstant l-azzjoni odjerna hija għaldaqstan ukoll intempestiva.*

6. *Illi s-soċjetà rikorrenti kienet diġà intavolat l-istess ilmenti kontenuti fir-rikors tagħha permezz ta' talba magħmula lir-Regolatur għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet, u li r-Regolatur kien indirizza b'mod eżawstiv permezz tad-Deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2022 li għaddiet b'ġudikat (kopja annessa bħala dok B). Illi kieku ma qabilx ma dik id-deċiżjoni, ir-rikorrenti seta' jagħmel appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, iżda minflok għażel li ma jwieġibx bl-ebda mod ieħor u li minflok jagħmel din il-kawża.*

7. *Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jigu miċħuda bl-ispejjez.*

*F"kull kaz ukoll, l-eċċipjenti ma jirrispondi għall-ebda danni reklamati mir - rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat ir-**Risposta Ġuramentata** tas-soċjeta' **Enemed Co Ltd** intavolata fil-25 ta' Novembru 2022 (fol 33) li permezz tagħha eċċepixxiet:

1. ***Illi in limine litis u in linea preliminari qabel kull eċċezzjoni oħra, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġuriżdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi relatata ma' dak illi l-attriċi ssejjaħ "Land Based Service", u dan minħabba l-fatt illi l-kuntratt anness mar-rikors promotur tar-rikorrenti bħala Dok A, jikkontjeni klawżola arbitrali (klawżola 13) li tirreferi tali vertenzi ta' natura kuntrattwali***

***għal determinazzjoni finali f'arbitraġġ regolat mill-Parti IV tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa għalhekk li din il-Qorti għandha tissoprassjedi u eventwalment tiċħad l-ewwel talba attriċi kif ukoll it-talbiet kollha relatati mal-ewwel talba fuq bażi ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni;***[1]

2. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari mressqa in limine litis fuq,* ***fit-tielet talba attriċi****, ir-rikorrenti tallega l-eżistenza u l-abbuż ta' 'monopolju' da parti tal-intimata Enemed. Illi naturalment la jeżisti tali monopolju u wisq anqas ġie abbużat tali monopolju iżda ladarba s-soċjetà rikorrenti qegħda tallega illi hawn abbuż ta' monopolju, din l-Onorabbli Qorti:*

   *2.1. m'għandhiex il-kompetenza meħtieġa u ai termini tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 5A tal-Avviż Legali 396 tal-2003 kif sussegwentement emendat (SL. 12.19 – Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili) u l-kawża odjerna għandha tingħadda lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) li hija l-Qorti li għandha l-kompetenza neċessjara;*

   *2.2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti kompetenti tisma' din il-kawża mbagħad ma għandha ebda għażla oħra għajr li tissospendi dawn il-proċeduri u titlob lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), maħtur bis-saħħa tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 510 tal-liġijiet ta' Malta), sabiex jippreżenta rapport fuq il-kwistjonijiet ta' kompetizzjoni mqajma f'dan il-każ, ai termini tal-Artikolu 27(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379 tal- liġijiet ta' Malta), u li sussegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi biex tiċħad it-tielet talba attriċi wara li tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar ir-rapport;*

3. *Illi fil-mertu tat-talbiet l-oħrajn, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari mressqa fuq, is-soċjeta' Enemed tibda l-ewwel billi kategorikament tiċħad dak kollu allegat fil-konfront tagħha fir-rigward tat-***tieni talba attriċi*** *liema allegazzjonijiet u talbiet huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Assolutament ma jeżisti l-ebda obbligu kuntrattwali jew legali fis-sens allegat mis-soċjeta' rikorrenti, ma hemm assolutament l-ebda istanza ta' kunsinna ta' prodott li ma kienx tal-kwalita', tal-volum u tad-densita' stabbilita fl-industrija, u l-allegazzjonijiet spekulattivi mressqa f'din il-kawża għandhom jiġu miċħuda kompletament bl-ispejjeż. Tali allegazzjonijiet mhumiex biss spekulattivi imma juru għarfien fqir ħafna (diffiċli għall-eċċipjenti tgħid hux reali jew hux qed isir hekk apposta biex tiġi żvijata din il-Qorti) tal-industrija tal-fjuwils u d-distribuzzjoni u l-ħażna tal-istess;*

---

[1] Emfasi in **Bold** peress illi din is-sentenza qed limitatament tittratta appuntu din l-eccezzjoni

4. *Illi fi kwalunkwe każ jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova dak allegat minnha, ħaġa li kif sejra turi l-intimata Enemed fil-provi tagħha, mhux possibbli għaliex tali allegazzjonijiet huma fattwalment u ġuridikament bla bażi;*

5. *Illi fir-rigward* ***tar-raba' u l-ħames talbiet attriċi*** *din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti in kwantu dak illi qiegħed jiġi mitlub li tordna din il-Qorti ma jirriżultax mill-obbligi kuntrattwali viġenti bejn il-partijiet u fejn hekk jirriżulta tali obbligi qegħdin jiġu soddisfatti ad litteram;*

6. *Illi* ***s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attriċi*** *huma konsegwenzjali għat-talbiet l-oħra u għandhom bl-istess mod jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jittressqu fi stadju ulterjuri skont il-liġi;*

8. *Bl-ispejjeż ta' din l-istanza u ta' kwalsiasi istanza oħra ancillari u kawtelatorja inkluż kwalsiasi spejjeż u taxxi fi proċessi quddiem l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur kontra s-soċjeta' attriċi minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2023, id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-Qorti għandha tittratta u tiddeċiedi l-ewwel, b'sentenza in parte, l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta' Enemed Co Ltd.

Rat illi fl-udjenza tas-17 t'April 2023, id-difensuri tal-partijiet qabblu u ddikjaraw li ma' kellhomx provi x'jipproduċu u li kienu qegħdin jistrieħu fuq l-atti dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa minn Enemed Co Ltd u saret trattazzjoni f'dan ir-rigward.

Rat ukoll li l-kumpanija attriċi ppreżentat nota ta' referenzi dwar l-istess materja (fol 46).

Rat in-nota ta' referenzi tas-soċjeta' intimata Enemed Co Ltd intavolata fit-2 ta' Mejju 2023.

Rat illi l-kawża titħalliet għall-llum għal <u>sentenza *in parte*</u> dwar l-istess eċċezzjoni.

Rat l-atti l-ohra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din is-sentenza *in parte* tirrigwarda eċċezzjoni kif mressqa mis-soċjeta' konvenuta Enemed Co Ltd sabiex din il-Qorti tissoprassjedi f'din il-kawża u eventwalment tiċħad l-ewwel talba attriċi u t-talbiet kollha relatati mal-istess fuq bażi ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u dana stante li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeċiedi l-ewwel talba attriċi relatata ma' dak illi l-attriċi issejjaħ '*Land Based Service*', minħabba li jeżisti kuntratt bejn il-partijiet li jikkontjeni klawżola arbitrali (klawżola 13 tal-ftehim a fol 10) li tirreferi tali vertenzi ta' natura kuntrattwali għal determinazzjoni finali f'arbitraġġ regolat mill-Parti IV tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fit-trattazzjoni tagħha, is-socjeta' **Enemed Co. Limited** tikkontendi li l-mod kif ġiet redatta l-kawża huwa tali li tħallat flimkien numru ta' relazzjonijiet ġuridiċi distinti, kif ukoll numru ta' allegazzjonijiet u sitwazzjonijiet li huma legalment distinti. Tinsisti li minn naħa jeżisti l-kuntratt li ħoloq relazzjoni u mill-banda l-oħra jeżistu kuntratti jew relazzjonijiet ġuridiċi li welldu relazzjoni oħra, mentri hemm ukoll allegazzjonijiet ta' elementi extra kuntrattwali bħal dawk rigward ksur jew abbuż ta' dominanza.

Tispjega li s-soċjeta' konvenuta għandha relazzjoni kuntrattwali mas-soċjeta' attriċi li bl-ebda mod mhi sitwazzjoni determinata mir-Regolatur konvenut. B'referenza għal klawsola 13 tal-ftehim, tikkontendi li s-soċjeta' attriċi u dik konvenuta qabblu fuq l-liġi applikabbli u fuq il-forum li fuqu mhux biss `*a dispute*` imma `*any dispute relating to that juridical relationship*` għandu jitressaq quddiem it-tribunal arbitrarju. Issostni li f'dan ir-rigward, il-Qrati taghna kienu konsistenti fl-aħħar snin u dejjem ipproteġew il-ġurisdizzjoni arbitrarja. Tgħid li in vista tad-duttrina fid-dinja arbitrari anke jekk arbitru huwiex kompetenti jew le, hija xi ħaġa li l-arbitru jiddeċiedi u ma tkunx il-Qorti li tara l-validita` o meno tal-klawsoli biex imbagħad tagħmel l-għarbil jekk tibgħatx jew le *dispute* lejn l-arbitraġġ. Tikkontendi li la darba teżisti klawsola arbitrarja redata u iffirmata, kif tinsab fl-artikolu 13, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta għall-arbitraġġ qabel ma l-Qorti tibda tisma` l-kawża.

Tispjega li mbagħad jekk kemm -il darba hemm relazzjonijiet oħra li ma jaqawx taħt l-istess ftehim, dawn jista' jkun li jinstemgħu minn din il-Qorti, iżda tikkontendi li kienet l-għażla tas-soċjeta' attriċi li jressqu t-talbiet kollha tagħhom f'kawża waħda. Oltre` minn hekk, tikkontendi li l-fatt li iddaħħal konvenut ieħor m'għandux jintuża sabiex wieħed ikun jista` jwaqqa` u jneħħi l-effett tal-klawsola arbitrali.

Tgħid li fl-eventwalita` li din il-kawża trid tiġi spezzettata u determinata minn *fora* differenti ma twelditx minn l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta iżda hija riflessjoni tar-relazzjoni tal-partijiet tul is-snin u li kieku l-partijiet riedu forum wieħed li jiddetermina kollox kien ikun hemm qbil f'dak is-sens. Tikkontendi li f'dan is-sens il-Qorti trid tirrifletti l-għażla tal-partijiet tul is-snin u li kieku l-partijiet riedu li jiġbru kollox flimkien kienu jagħmlu dan fi stadju ta' negozzjar, iffirmar u kreazjoni ta' kuntratt. Tikkonferma li in vista tal-fattispeċi tal-każ tantiċipa sitwazzjoni fejn ikun hemm proċeduri separati u distinti li jimxu simultanjament u li jista` jkollhom eżitu differenti.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi minn naħa tagħha, is-soċjeta' rikorrenti **Cassar Fuel Limited** tikkontendi li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni ġenerali u li l-arbitraġġ huwa eċċezzjoni għaliha, iżda l-Qorti xorta waħda tirritjeni ġurisdizzjoni ġenerali speċjalment fil-każ meta ikun hemm premessi u partijiet li mhumiex parti mill-ftehim in kwistjoni, bħal ma f'dan il-każ huwa l-konvenut Regolatur.

Telenka numru ta' sentenzi li juru biċ-ċar li l-Qorti dejjem żammet ġurisdizzjoni ġenerali u minn fejn jemerġi li mhux bilfors li għax hemm klawsola u arbitraġġ, il-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża u saħansitra hemm sitwazzjonijiet fejn il-Qorti daħlet fil-mertu dwar l-arbitraġġ hux ser jiddeċiedi dak kollu kontenut fit-talbiet u l-premessi. Tikkontendi li

r-rikors ġuramentat ċertament li jikkontjeni talbiet li ma jistgħux jiġu determinati u deċiżi mill-arbitraġġ. Oltre` minn hekk, l-arbitraġġ bl-ebda mod ma jista' jorbot lir-Regolatur konvenut meta dan mhuwiex parti mill-ftehim.

Issostni li m'għandux ikun hemm spezzettar tat-talbiet u huwa għalhekk li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni ġenerali li tiddeċiedi l-vertenza kollha la darba t-talbiet imorru oltre` mill-ftehim.

Tispjega li sabiex tiġi determinata l-kompetenza, din il-Qorti trid tqis il-kawża fl-intier tagħha fejn is-soċjeta' attriċi qegħda tikkontendi li s-soċjeta' konvenuta qiegħda tabbuża mill-pożizzjoni tagħha u qed tikkawża lis-soċjeta' attriċi danni fuq diversi fatturi li huma koperti b'kuntratti jew ftehim differenti. Tgħid li dwar dan hija talbet lir-Regolatur konvenut jintervjeni iżda dan ma ħa l-ebda azzjoni u għalhekk ċertament li l-arbitraġġ ma jistax jidħol fil-mertu jekk ir-Regolatur konvenut ħax u/jew kellux jieħu azzjoni.

Issostni li l-kwistjoni ċentrali ma tikkonċernax per se il-kuntratt li jikkontejni l-klawsola t'arbitraġġ iżda dwar kif is-soċjeta' konvenut qiegħda taġixxi ma dik attriċi u jekk ir-Regolatur konvenut ipproteġiex lill-istess soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-**Artikolu 13** (a fol 16) tal-ftehim bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta rigward il-bejgħ ta' diesel mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi tgħid testwalment hekk:

> *All disputes or differences which at any time arise between the Parties touching or concerning this Agreement or its construction or effect or the rights, duties, liabilities of the Parties under or by virtue of it or otherwise or any other matter in any way connected with or arising out of the subject matter of this Agreement shall be referred to final and binding arbitration at the Malta Arbitration Centre in accordance with the Arbitration Act (Chapter 387 of the laws of Malta).*

L-**Artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta**, jipprovdi s-segwenti:

> *(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla,* ***għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti****. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.*

Dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' l-artikolu ċitat, il-Qorti tosserva dak li qalet din il-Qorti (kif diversament preseduta) fl-ismijiet **Vassallo Builders Limited vs Il-Perit David Felice et.** deċiża fid-29 t'April 2022, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

24. *M'hemmx dubju li l-qrati tagħna dejjem taw il-piż mistħoqq lill-klawsoli arbitrali b'ħarsien għall-volontà ħielsa tal-partijiet u dan minkejja li l-qrati Maltin kellhom ġurisidizzjoni konkorrenti (ara* ***Dr. Renato Ċefai nomine v. Valletta Freight Services Limited*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Marzu, 2001 u* ***Christopher Grech v. Joseph Cutajar et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru, 2008);*

25. *Naturalment il-parti li tkun iffirmat ftehim ta' arbitraġġ għandha kull jedd li topponi għall-kompetenza tal-qorti u tippretendi li tmur għall-ġudizzju ta' arbitru jew arbitri (ara* ***Joseph Micallef et v. Is-Sur Jovin Rausi nomine*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2004);*

26. *Madankollu, huwa miżmum ukoll li l-klawsola arbitrali titqies li torbot fil-parametri stretti li fihom tkun ġiet stipulata, u wieħed irid joqgħod attent li ma jestendix l-applikabilità ta' tali klawsola arbitrali sempliċement fuq il-pretest li l-liġi tagħna tagħti trattament preferenzjali lill-istitut tal-arbitraġġ (ara* ***Dr. Tonio Fenech nomine et v. L-Avukat Dottor Tonio Grech nomine*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2005);*

27. *B'żieda ma' dan, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu wkoll li skont l-****artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****, il-fatt waħdu li jkun hemm klawsola arbitrali bħal din fi ftehim ma jeskludix il-ġurisdizzjoni tal-qrati (****ara George Camilleri v. Hugh P. Żammit noe*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1998). Li jista' jiġri huwa li, kemm jekk ikun inbeda xi proċediment quddiem arbitru, kemm jekk le, il-qorti tista' dejjem twaqqaf il-proċedimenti li jkun hemm għaddejjin quddiemha, u tistenna l-eżitu ta' dawk il-proċedimenti. Ifisser għalhekk li l-aċċettazzjoni tat-talba għas-soprasessjoni mhijiex stqarrija li l-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża;*

28. *Issa skont l-****artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta*** *biex jitwaqqfu l-proċeduri quddiem il-qorti sakemm jintemmu l-proċeduri tal-arbitraġġ hemm bżonn li jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet;*

29. *L-ewwel nett, it-talba għas-sospensjoni trid issir mill-parti qabel ma tressaq xi eċċezzjoni jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti. Din it-talba tista' ssir permezz ta' rikors għal rasu qabel ma tiġi ppreżentata r-risposta maħlufa (kif għamlu PHCL u PML f'dan il-każ) jew inkella billi titressaq talba fl-għamla ta' eċċezzjoni preliminari fir-risposta maħlufa (ara* ***Clentec Limited v. Il-Ministru tas-Saħħa et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 u* ***Panta Marketing and Services Limited***

*__v. AX Construction Limited__ deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010);*

30. *It-talba għas-soprasessjoni għandha ssir fil-bidu għaliex jekk ma ssirx mill-ewwel, il-parti tista' titqies li tkun irrinunzjat għall-klawsola arbitrali u b'hekk tkun meqjusa li aċċettat li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti. Wara kollox, hija ġurisprudenza miżmuma li klawsoli arbitrali jistgħu jiġu rinunzjati, sew espressament sew taċitament (ara __Edward Rizzo proprio et nomine v. Major Arthur D. Abbott proprio et nomine__ deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fit-28 ta' Ottubru, 1952, Cordina Insurance Agency Limited pro v. John Abela Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2008 u Malta Shipyards Limited v. VPJ Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2012);*

31. *It-tieni nett, il-qorti trid tkun sodisfatta li l-ftehim tal-arbitraġġ għadu fis-seħħ jew jista' jitwettaq, u fl-aħħar nett il-kwistjoni li dwarha jintalab li tgħaddi għall-arbitraġġ tkun fil-fatt waħda li għalih il-ftehim tal-arbitraġġ kien maħsub;*

32. *Jekk iseħħu dawn l-elementi, il-qorti għandha twaqqaf dawk il-proċedimenti;*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, il-Qorti tqis illi ħadd mill-partijiet mhu jikkontesta l-eżistenza jew il-validita' tal-klawsola arbitrali ffirmata bejn il-partijiet u dwar jekk il-ftehim bejn il-partijiet kienx għadu validu meta nbdew dawn il-proċeduri. Il-Qorti tinnota wkoll li t-talba għall-waqfien tal-proċeduri saret mill-bidu nett permezz ta' l-ewwel eċċezzjoni kontenuta fir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta. Għalhekk ir-rekwiżiti tal-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta qed jitqiesu li huma sodisfatti.

Il-kwistjoni li għandha quddiemha l-Qorti tikkonċerna żewġ fatti: (1) primarjament li l-klawsola arbitrali ma tgħoddx għar-Regolatur konvenut u (2) li l-kawża odjerna tikkonċerna numru ta' kwistjonijiet oħra li ma jaqawx fil-parametri tal-ftehim li jikkontjeni l-klawsola arbitrali.

Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-klawsola arbitrali ma tgħoddx għar-Regolatur konvenut u dan anke skont l-insenjament tal-Qorti fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avukat Simon Tortell nomine v. G.S. Specialist Vehicles Ltd et** mogħtija fis-26 ta' Marzu, 2010, fejn il-Qorti tal-Appell ddecidiet li klawsola arbitrali ma tistax tiġi imposta fuq terzi li ma kinux partijiet għall-ftehim ta' arbitraġġ.

Madanakollu, minkejja li r-Regolatur konvenut mhuwiex parti fil-kuntratt in kwistjoni ma jfissirx li din il-Qorti għandha awtomatikament tinjora għal kollox il-ftehim bejn il-partijiet l-oħra. Kieku l-Qorti kellha tagħmel dan, ikun ifisser li kull m'għandu jagħmel min isib ruħu f'sitwazzjoni simili hu li jinvolvi terz bħala parti fil-kawża sabiex jwaqqa` kull effett tal-klawżola arbitrali. Din il-Qorti ċertament li ma tridx tibgħat dan il-messaġġ li jkun

qed iservi biex idghajjef ukoll l-istut tal-arbitraġġ, li wara kollox mhux biss fuq livell lokali imma anke dak internazzjonali, qiegħed ikollu effett pozittiv fid-dinja tal-litigazzjoni.

Fil-każ odjern, l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi hija li s-soċjeta' konvenuta kissret l-kundizzjonijiet tal-kuntratt bil-kunsens tar-Regolatur konvenut. Għalhekk, il-Qorti tqis, illi huwa meħtieġ li l-ewwel u qabel kollox jiġi determinat jekk kienx hemm ksur tal-istess kuntratt. Jekk kemm -il darba jinstab li ma kienx hemm ksur tal-kuntratt, mela allura aktarx, ghal finijiet ta' l-ewwel talba rikorrenti, ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi analizzata l-imġieba tar-Regolatur konvenut f'dak il-kuntest. Mill-banda l-oħra jekk kemm -il darba jinstab li kien hemm ksur, mela allura jkun meħtieġ li l-irwol u l-imġieba tar-Regolatur konvenut jiġu analizzati f'dak l-istess kuntest.

Il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Valfracht Roro Line Ltd vs Dr Louis Cassar Pullicino noe** deċiża fl-10 ta' April, 2003, fejn il-Qorti tenniet illi anke jekk ikun hemm is-soprassessjoni, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija xorta tibqa' tgħodd skont l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan hu hekk għaliex li kieku l-klawsola ta' arbitraġġ ittemm il-ġurisdizzjoni b'mod sħiħ, ma jkunx hemm lok li tiġi ordnata s-soprasessjoni, imma biss il-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju fuq il-bażi tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni.

> *Illi jidher xieraq li jingħad li bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura, qiegħed jiġi assikurat li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija ma titneħħiex bil-fatt biss li jkun hemm ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet kontraenti, u trid li tħalli lill-Qrati jeżerċitaw rwol regolatur dwar is-siwi tal-ftehim tal-arbitraġġ, filwaqt li fl-istess ħin tħares ir-rieda tal-istess partijiet (pacta sunt servanda) murija minnhom sewwasew fil-klawsola kuntrattwali ta' arbitraġġ;*

Isegwi għalhekk li s-soċjeta' attriċi xorta tkun imbagħad tista` tkompli din il-kawża quddiem din il-Qorti la darba l-arbitraġġ ikun iddetermina inkissrux il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' Diċembru 2021 jew le, u dan fir-rigward ta' dak li jibqa' rilevanti fil-kuntest tal-kawza odjerna, ossia tal-premessi u t-talbiet u l-bqija tad-difizi mressqa.

**Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tilqa' t-talba għas-soprasessjoni ta' din il-kawża b'dana illi tirritjeni l-kompetenza tagħha fil-limiti tal-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**GĦALDAQSTANT,** għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda:

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta Enemed Co Ltd u tordna l-waqfien ta' dawn il-proċeduri skont l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. **Tidderiġi** lil partijiet interessati jew min minnhom, sabiex iressqu il-każ fit-termini tal-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti għall-arbitraġġ skont il-provvedimenti tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fi żmien **tlett xhur** mil-lum. B'dana illi, jekk ebda proċeduri ta' arbitraġġ ma jinbdew f'dan iż-żmien minn ebda parti, il-Qorti ser tqis li tkun ġiet rinunzjata l-klawsola arbitrali u għalhekk din il-Qorti tkun tista' terġa' tibda` tisma' din il-kawża;

3. **Tiddifferixxi** l-kawza ghal data ohra wara l-eghluq tat-tlett xhur msemmija ghall-informazzjoni ulterjuri, b'dan illi jekk il-Qorti tigi mgharrfa illi jkunu nbdew l-proceduri quddiem ic-centru tal-Arbitragg, din il-kawza tigi differita *sine die* ri-appuntabbli minn xi wahda mill-partijiet wara d-determinazzjoni finali tal-imsemmi arbitragg.

**Bl-ispejjes rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**